MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2001

Numru 307/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Raymond D'Anastas)**

**vs**

**Anthony Mallia ta' 45 sena**
**Bin Carmelo u Theresa nee Saliba,**
**Imwieled il-Belt, Valletta, fit-8 ta' Novembru, 1953, u residenti 'Papanna House', St Edwards Street, Qormi detentur tal-karta ta' l-identita' bin-Numru 809053(M).**

**Illum 1 ta' Gunju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Mallia li gie akkuzat talli fid-19 ta' April, 1999 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, f'San Giljan, b'ghemil zieni, ikkorrompa persuni ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, u cioe lil Janika Mifsud ta' 15-il sena, Stephanie Tonna ta' 14-il sena u Janet Borg ta' 15-il sena u dan bi ksur ta' l-artikolu 203(1) tal-Kap 9;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'post pubbliku neza gharwien jew ma kienx liebes xieraq u dan bi ksur tal-artikolu 338(q) tal-Kap 9;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel gesti oxxeni fil-pubbliku jew b'xi mod iehor offenda il-moral l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(bb) tal-Kap 9;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikolu 209 tal-Kap 9;

Akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152, tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti lilu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Malta) fl-14.02.97, u aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija fis-27.05.93, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel f'Awla 1, u talli ukoll kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9, Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu fil-15.02.99 (Awla 14).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali  a fol 3, biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat wiegeb li mhux hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat  l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll il-verbal tal-21 ta' Mejju, 1999 fejn id-Difiza talbet li jigi nominat perit psikjatriku u f'dan ir-rigward wara diversi sostituzzjonijiet gie nominat Dr Joseph Vella Baldacchino li espleta l-inkarigu tieghu (vide rapport a fol 69 Dok JVB).

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar, 2001, fejn l-akkuzat irregistra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat,

Illi kif jirrizulta mir-rapport tal-espert psikjatriku l-akkuzat kellu/ghandu diversi problemi kemm passati kif ukoll prezenti u cioe:

- li huwa misthi u li ghandu idea negattiva tieghu innifsu.
- Fil-passat kien ibati minn dipressjoni tant li anke wasal biex jaghmel attentat serju ta' suwicidju
- l-inadegwatezza fil-personalita' tieghu b'rizultat ta' abbuz serju ta' diversi sostanzi psikotropici li wassluh jghaddi diversi snin fil-habs
- ghandu relazzjoni matrimonjali batuta sew mil-lat ta' komunikazzjoni kif ukoll f'dak li jirrigwarda rapporti sesswali.

In vista ta' hekk il-perit psikjatriku kkonkluda "in vista ta' dan kollu, l-imputat ibati minn kundizzjoni ossessiva li minkejja li thallih konsapevoli ta' dak li qed jaghmel, tista' tkun daqstant qawwija li tirrizulta f'menomazzjoni tal-volonta' tieghu" (a fol 78).

Viva voce l-espert psikjatriku qal li l-akkuzat, oltre l-ezami psikjatriku ordnat minn din il-Qorti, dahal ukoll f'rapport terapewtiku fis-sens li mar minn jeddu ghand Dr Vella Baldacchino biex izomm l-impuls ta' esebizzjonizmu taht kontroll.  L-istess espert issuggerixxa li l-piena ghandha tkun ta' probation order b'liason ma' kura psikjatrika.

Ikkonsidrat

Illi in vista ta' l-ammissjoni tieghu din il-Qorti qeghda ssib lil Anthony Mallia hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 203, 209, 338(g), 338(bb), 49 u 50, 17 tal-Kap 9 kif ukoll 10(a) tal-Kap 152 ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, l-Qorti wiznet bir-reqqa dak li xehed Dr Joseph Vella Baldacchino u gharfet li l-akkuzat ghandu vera problema serja, li piena karcerarja tista ma tkunx idonea biex tghinu johrog minnha. Qieset ukoll li Anthony Mallia gia bbenefika mill-provediment stabbilit fil-Kap 152, li pero' kiser. Il-Qorti hija mizmuma milli tapplika l-provedimenti mahsuba fl-artikolu 28A u sequitur minhabba l-ksur tal-Kap 152 u r-recidiva (28A(7) tal-Kap 9). Dwar ir-reat in dizamina rat l-artikolu 5 tal-Kap 152 u b'effett ta' l-istess qeghda tqieghed lil Anthony Mallia taht ordni ta' probation ghal tlett snin mil-llum taht il-kundizzjonijiet infraskritti fl-annessa probation order.

Dwar il-ksur ta' l-ordni ta' probation moghtija mill-Awla 14, din il-Qorti qeghda in vista ta' tali ksur zzomm ferm l-istess ordni kif moghtija, u dan wara li rat l-art 10(a) tal-kap 152.

Dwar il-ksur ta' l-ordni ta' probation moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar, 1997. Rat is-sentenza esebita bhala Dok AM2 a fol 18-20 tal-process, rat li l-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta hadet in konjizzjoni sentenza datata 24 ta' Frar, 1997, li pero' la mis-sentenzi esebiti u lanqas mill-Fedina Penali ma tirrizulta, ghaldaqstant dwar il-ksur ta' l-imsemmi ordni hemm maghmula, tibghat lill-imputat quddiem dik l-Onorabbli Qorti li ghamlet l-ordni ghall-liberazzjoni taht kundizzjoni kif hemm imsemmija u dan ai termini 10(b) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni numru 307/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Raymond D'Anastas)**

**vs**

**Anthony Mallia**

**Illum 1 ta' Gunju, 2001.**

PROBATION ORDER

Illi qeghda tqieghed lil Anthony Mallia taht ordni ta' probation ghal zmien tliet snin mil-llum u ghal dan l-iskop qeghda tahtar li Marietta Lanzon bhala Probation Officer.

In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 5(4) tal-Kap 152 qeghda tahtar ukoll lill-Perit Psikjatriku Dr Joseph Vella Baldacchino ghal zmien ta' tnax il- xahar mil-llum biex jara li l-istess Anthony Mallia jkompli bi trattament, jekk ikun il-bzonn, mehtieg biex tigi kkontrollata l-problema minnu specifikata fir-rapport tieghu. Dan l-istess trattament ghandu jkun wiehed li jaqa taht l-artikolu 5(4)(c) tal-kap

152 u cioe kura bhala pazjent mhux residenzjali f'dak l-istitut jew post li ghandu jistabilixxi l-istess Dr Joseph Vella Baldacchino.

Illi Anthony Mallia ghandu jobdi dawk id-direttivi kollha moghtija lilu mill-Probation Officer Marietta Lanzon u Dr Joseph Vella Baldacchino.

Illi l-Probation Officer u l-Psikjatra ghandhom izommu kuntatt ma' xulxin dwar l-andament ta' Anthony Mallia taht din l-ordni.

Illi l-Probation Officer ghandha tirraporta lil din il-qorti bil-miktub kull sitt gimghat dwar il-progress ta' Anthony Mallia u dan wara li tkun ikkonsultat lil Dr Joseph Vella Baldacchino.

Ghall-fini ta' din l-ordni wkoll Anthony Mallia, ghandu jekk ikun se jibdel jew bidel l-indirizz tar-residenza tieghu, javza b'dan il-bdil fi zmien tnax il-siegha (12) lill-Probation Officer.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.